**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**25 ta' Jannar 2024**

**Rikors Numru 102/2023**

**In-Nutar Dr. Sean Critien (ID No: 123483M)**
**u martu l-Maġistrat Dr. Abigail Critien (ID No: 64682M)**

**Vs**

**1. Identity Malta Agency**
**2. Electoral Commission Malta**
**u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2023 isem il-Kummissjoni intimata ġie jaqra "Kummissjoni Elettorali"**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tan-**Nutar Dr. Sean Critien u martu l-Maġistrat Dr. Abigail Critien** ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

*Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numri uffiċċjali 14 u 16, Palazzo Del Vescovo, fi Triq De Rohan, Żebbuġ Malta skond kuntratt t'akkwist tal-31 ta' Diċembru 2021 fl-Atti tan-Nutar Peter Carbonaro hawn anness bħala* ***Dok. A****;*

*Illi r-rikorrenti l-Maġistrat Dr. Abigail Critien applikat sabiex tbiddel il-karta tal-identita' tagħha għal fuq il-fond hawn fuq imsemmi b'dan li ddikjarat li l-indirizz fuq il-karta tal-identita' tagħha għandu jkun jirrifletti preċiżament il-kuntratt t'akkwist u ċioe' 14 u 16, Palazzo Del Vescovo, fi Triq De Rohan, Żebbuġ Malta;*

*Illi sussegwentement ġiet infurmata li karta tal-identita' b'żewġ numri ma tistax tinħareġ u li għalhekk għandha tagħżel numru wieħed sabiex jitniżżel fuq il-karta tal-identita';*

*Illi tali rifjut m'hu bbażat fuq l-ebda liġi speċifika applikabbli għall-każ u ċ-ċirkustanzi odjerni iżda sempliċiment fuq policy stante li l-fond in kwistjoni hu fond* ***wieħed*** *u ma jinkludi l-ebda garaxx jew flatlet;*

*Illi r-rikorrenti l-Maġistrat Dr. Abigail Critien kellha fil-passat karta tal-identita' li tinkludi fond b'żewġ numri fejn intużat is-simbolu ta' sbarra għan-numri rispettivi tal-istess fond u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala **Dok. B**;*

*Illi r-rikorrenti rrifjutat li tagħżel numru wieħed sabiex jitniżżel fuq il-karta tal-identita' stante li l-fond proprjeta' tagħha flimkien mar-rikorrent żewġha għandu żewġ bibien (b'numru uffiċċjali separat), **<u>liema bibien jinsabu fl-istess triq</u>** u **<u>jiffurmaw parti mill-istess fond</u>** u għalhekk applikat sabiex il-karta tal-identita' tagħha tkun tinkludi biss l-isem tal-proprjeta' mingħajr indikazzjoni tan-numru uffiċċjali iżda ġiet infurmata li dan ma kienx possibbli lanqas abbażi tal-fatt li ġialadarba hemm numru uffiċċjali, dan għandu jitniżżel fuq il-karta tal-identita';*

*Illi r-rikorrenti kompliet tinsisti li ġialadarba hemm żewġ numri uffiċjali li huma abbinati mal-istess fond proprjeta' tagħha u ta' żewġha, allura dawn għandhom jitniżżlu t-tnejn (peress li ż-żewġ numri huma uffiċċjali u jiffurmaw parti mill-istess fond) u sabiex jirriflettu preċiżament il-kuntratt t'akkwist tagħhom;*

*Illi r-rikorrenti għandhom dritt leġittimu li jkollhom il-karta tal-identita' rispettiva tagħhom b'dan illi l-istess karta tal-identita' tkun tirrispekkja verament il-kuntratt t'akkwist, liema kuntratt t'akkwist juri biċ-ċar li l-fond in kwistjoni hu fond wieħed (ad esklużjoni ta' xi garaxx jew flatlet) li għandu żewġ bibien bin-numri uffiċċjali;*

*Illi minħabba tali deċiżjoni da parti tal-intimati jew min minnhom, ir-rikorrenti għadhom mhux f'posizzjoni li jibddlu l-karta tal-identita' tagħhom għal fuq il-proprjeta' msemmija;*

*Illi r-rikorrenti nterpellaw lill-intimati sabiex jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom li permezz tagħha nnegaw d-dritt lir-rikorrenti milli jkollhom karta tal-identita' li tirrispekkja l-kuntratt t'akkwist tagħhom u ċioe' bl-indirizz 14/16, Palazzo Del Vescovo, Triq De Rohan, Żebbuġ Malta u dan permezz ta' protest ġudizzjarju hawn anness u mmarkat bħala **Dok. Ċ** iżda l-intimati baqgħu inadempjenti;*

*Illi l-intimata Identity Malta Agency, fil-kontro-protest tagħha ddikjarat li d-deċiżjoni għal tali rifjut hija bbażata fuq l-Artikolu 5(2)(b) tal-Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-karta tal-identita' għandu jkollha 'l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza f'Malta tal-persuna konċernata';*

*Illi l-intimati jew min minnhom qed jagħtu interpretazzjoni ħażina u żbaljata tal-istess Artikolu hawn imsemmi tant li fil-passat ir-rikorrenti l-Maġistrat Dr. Abigail Critien kellha karta tal-identita' li kienet tindika fond wieħed u ċioe' appartament wieħed li pero' kellu żewġ numri u dan kif jirriżulta ċar minn **Dok. B** hawn anness;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti, umilment jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex:*

*1. Jirrevoka d-deċiżjoni tal-intimati jew min minnhom li permezz tagħha nnegaw id-dritt lir-rikorrenti milli jkollhom karta tal-identita' li tirrispekkja l-kuntratt t'akkwist tagħhom u ċioe' bl-indirizz 14/16, Palazzo Del Vescovo, Triq De Rohan, Żebbuġ Malta;*

*2. Jordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jieħdu dawk il-passi neċessarji kollha sabiex il-karta tal-identita' tar-rikorrenti tkun tindika l-indirizz tagħhom bħala 14/16, Palazzo Del Vescovo, Triq De Rohan, Żebbuġ Malta;*

*3. Jordna lill-intimati sabiex b'mod immedjat u fi żmien perentorju li jogħġbu jipprefiġġi dan it-Tribunal joħroġ il-karti tal-identita' rispettivi tar-rikorrenti bl-indirizz 14/16, Palazzo Del Vescovo, Triq De Rohan, Żebbuġ Malta*

*u dan taħt kull provvediment ieħor li dan it-Tribunal jidhirlu li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.*

Ra r-risposta **tal-Aġenzija Identita`** datata 19 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti teċepixxi n-nuqqas ta kompetenza ta' dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva m'għandux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att (Kap. 490) jew taħt kull liġi oħra li tistabilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi. Illi m'hemm ebda liġi illi tikkonferixxi kompetenza rationae materie lil dan l-Onorabbli Tribunal u għalhekk l-istess Tribunal għandu jiddikjara n-nuqqas ta' kompetenza għat-talbiet elenkati fir-rikors in risposta;*

2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, jekk dana l-Onorabbli Tribunal iqis illi għandu kompetenza jisma' l-vertenza odjerna ai termini tal-artikolu 6 tal-Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kompetenza qiegħda tiġi kkontestata mill-esponenti fl-ewwel eċċezzjoni preliminari, dan ikun ifisser illi l-azzjoni odjerna hija perenta skont id-dispożizzjoni tal-artikolu 6(4) tal-istess Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li appell minn deċiżjoni tal-uffiċċjal awtorizzat għandhom isiru lis-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin ġurnata mid-data ta' meta l-imsemmija deċiżjoni tkun ġiet notifikata, liema terminu iddekorra;*

3. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, minn qari tar-rikors promotur jidher illi r-rikorrenti qiegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni li tirrigwarda l-karta tal-identita' tar-rikorrenti l-Maġistrat Dr Abigail Critien, u b'hekk l-esponenti teċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrent in-Nutar Dr Sean Critien;*

4. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ l-aħħar applikazzjoni għal karta tal-identita' li saret mir-rikorrent in-Nutar Dr Sean Critien kienet lura fis-sena 2016, u b'hekk l-esponenti teċepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti f'dak li jirrigwarda l-karta tal-identita' tar-rikorrent in-Nutar Dr Sean Critien hija waħda perenta;*

5. *Illi preliminarjament, l-esponenti teċepixxi wkoll illi t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti huma improponibbli stante li f'azzjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-Qorti jew Tribunal ikunu mogħnija s-setgħa li jistħarrġu deċiżjoni meħuda u jekk ikun il-każ jiddikjarawha nulla u mingħajr effett u* ***jerġgħu jqiegħdu l-affarijiet fi status quo ante****. Illi semmai f'każ li t-Tribunal jiddeċiedi illi jħassar id-deċiżjoni meħuda, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-konvenuti biex huma jagħtu r-rakomandazzjoni u deċiżjoni tagħhom fit-terminu tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti;*

6. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dawn għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż;*

7. *Illi l-esponenti teċepixxi illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati stante li ma seħħet l-ebda irregolarita' jew illegalita' min-naħa tal-esponenti fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, u l-esponenti la mxiet ultra vires, la b'abbuż ta' poter, u wisq inqas b'mod irraġonevoli jew b'mala fede, u dan bħal ma ser jiġi muri fil-mori tal-kawża;*

8. *Illi l-Aġenzija esponenti tagħmel referenza għall-artikolu 5(2)(b) tal-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi li l-karta tal-identità għandu jkollha "l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza f'Malta" tal-persuna konċernata;*

9. *Illi jiġi rilevat illi l-ġestjoni ta' indirizzi taqa' fil-kompitu tal-Kummissjoni Elettorali, li tikkumpila r-reġistru elettorali skont artikolu 7 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354 tal-Liġijiet ta' Malta;*

10. *Illi għandha ssir distinzjoni bejn 'indirizz' u 'fond'. Għalkemm fond wieħed jista' jkollu żewġ bibien jew iżjed li jagħtu għall-istess triq jew għal toroq differenti, u b'hekk jista' jagħti l-każ illi jkollu iżjed minn indirizz wieħed, huwa ċar u inekwoviku li l-liġi tippermetti biss li jitniżżel indirizz wieħed fuq il-karta tal-identità, u ma tagħmel ebda referenza la għall-plural u lanqas għal eċċezzjonijiet;*

11. *Illi dan il-prinċipju jipprevjeni konfużjoni u jipprovdi konsistenza u uniformità. Ġialadarba l-liġi ma tipprovdix eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, ma jista' jkun hemm ebda okkażjoni fejn jiġi permess il-ħruġ ta' karta tal-identità b'żewġ indirizzi. Għandu jiġi rilevat li għalkemm binja tista' tidher bħala fond wieħed, din tista' tkun internament diviża, u mhijiex il-mansjoni tal-Aġenzija li tidħol fil-mertu ta' dak li jidher wara l-faċċata tal-binja. Dak li huwa ċert iżda, huwa li l-Aġenzija tista' taċċetta biss indirizz wieħed tal-post prinċipali ta' residenza f'Malta tal-persuna konċernata;*

12. *Illi jiġi rilevat ukoll li l-karta tal-identità bl-ebda mod ma hija dipendenti fuq u lanqas legalment relatata mal-kuntratt ta' xiri u akkwist;*

13. *Illi għaldaqstant, l-esponenti tirrileva illi hija qiegħda timxi ġustament mal-kliem tal-liġi li tipprovdi għal indirizz wieħed biss;*

Ra r-risposta **tal-Kummissjoni Elettorali** datata 25 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi fl-ewwel u preliminarjament jiġi eċċepiet illi l-entita Electoral Commission Malta hija entita ineżistenti u l-isem korrett kif dispost ai termini tal-Artikolu 60 tal-Kostituzzjoni tal-Kummissjoni eċċipjenti huwa fattwalment il-Kummissjoni Elettorali daqstant dan it-Tribunal għandu qabel xejn iwettaq il-korrezzjonijiet meħtieġa kull fejn meħtieġ;*

2. *Illi fit-tieni lok jiġi eċċepiet r-rifjut li jiġi reġistrat il-fond b'żewġ bibien huwa policy li għal finijiet ta' reġistrazzjoni l-ebda fond ma jista' jiġi reġistrat b'iktar minn bieb wieħed*

*għal fuq Triq Pubblika. Fond jista jkollu wieħed jew aktar bibien fuq triq pubblika iżda għal finijiet ta' identifikazzjoni elettur irid jindika numru wieħed uffiċjali;*

3. *L-esempju li tagħti r-rikorrenti bl-indirizz "34, Memory Lane, Fl 3/4" huwa għal kollox differenti għaliex il-bibien in kwistjoni huma bibien interni. Wieħed għandhu jifhem li djar jistgħu jkollhom bibien li jagħtu għal toroq differenti u addirritura, f'każijiet estremi, għal irħula differenti. Għalhekk ir-regola li dejjem ġiet applikata hija li kull ċittadin jista' jagħżel liema hija l-bieb prinċipali, li tagħti għal triq pubblika, tad-dar residenza tiegħu għal finijiet t'indirizz uffiċjali, u din l-għażla hija ad esklużżjoni ta' kull bieb ieħor li jista' jkollha d-dar li jagħtu għal triq pubblika.*

4. *Illi fit-tielet lok il-Kummissjoni Elettorali ma hijiex l-entita responsabbli mill-ħruġ tal-karta tal-identita;*

5. *Illi fir-raba lok, jirriżulta li għal dawn l-aħħar għoxrin sena il-bibien tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri dejjem ġew indikati b'mod seperat*

6. *Illi fil-ħames lok it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

Ra illi in vista tal-ewwel eċċezzjoni tal-Aġenzija Identita` li tolqot il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, ġie ordnat illi l-istess eċċezzjoni tiġi trattata u deċiża qabel it-Tribunal jisma' l-mertu;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati mar-rikors promotur;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Aġenzija intimata.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pproċedew bl-appell odjern stante li ħassewhom aggravati b'deċiżjoni li ma ppermettietx lir-rikorrenti il-Maġistrat Dr. Abigail Critien tbiddel l-indirizz tal-Karta tal-Identita` tagħha biex tirrifletti ż-żewġ numri uffiċjali tar-residenza tagħha, u lanqas ma ġiet permessa tniżżel biss l-isem tal-istess residenza. Ir-raġuni mogħtija kienet li ma tistax tinħareġ Karta tal-Identita` b'żewġ numri. Sussegwentement ir-rikorrenti applikat sabiex l-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identita' jkun jinkludi biss l-isem tal-proprjeta` mingħajr indikazzjoni tan-numri uffiċjali. Din it-talba ġiet ukoll rifjutata.

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni, l-Aġenzija intimata qiegħda teċċepixxi li dan it-Tribunal m'għandux kompetenza ġenerali biex jirrevedi kwalunkwe att amministrattiv li jista' jiġi rivedut ai termini tal-Artikolu 469A tal-Liġijiet ta' Malta. L-Aġenzija ssostni li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal

hija delineata ai termini tal-artikolu 5 (2) preskritt fil-Kapitolu 490. Min-naħa l-oħra, din il-kwistjoni hija regolata bil-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Karta tal-Identita` u Dokumenti Oħra tal-Identita').

Illi kif ġie rilevat mill-Aġenzija intimata, il-kompetenza ta' dan it-Tribunal tinsab delineata f'Artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), li jgħid is-segwenti:-

***5.(1) Qiegħed jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.***

***(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.***

Illi din id-disposizzjoni ġiet proprju emendata permezz tal-Att IV tal-2016 sabiex jitneħħa kwalunkwe dubju dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal bil-mod kif kienet il-liġi qabel[1], fejn allura l-leġislatur għamilha ċara illi dan it-Tribunal m'għandux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Lijiġjiet ta' Malta, iżda jista' jirrevedi biss dawk l-atti amministrattivi preskritti mill-istess Att jew ai termini ta' kull liġi oħra li tistabilixxi l-kompetenza tiegħu.

Fir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Abela vs Awtorita` għat-Trasport f'Malta[2],** , li minkejja li ngħatat qabel l-emendi tal-2016, diġa kien hemm direzzjoni dwar kif għandha tiġi interpretata l-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u ċioe`:-

*illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-leġislatur ma deherlux li kellu jħassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bħala għodda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' l-għemil ta' l-amministrazzjoni pubblika. Id-disposizzjonijiet li jgħoddu għall-*

---

[1] Qabel l-emendi tal-2016, artikolu 5 kien jaqra hekk: *(1) Qiegħed jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi.*

[2] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar 2012.

*Qorti ma jestendux irwieħom għat-Tribunal. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jwettqu setgħat li jixxiebħu. Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-Att kostituttiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu [Artikolu 25(2) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta] u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għemil ta' awtoritajiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor.*

Minn din is-sentenza jidher ċar li skont il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hija limitata biss għal dawk l-awtoritajiet pubbliċi li l-Liġi kostituttiva tagħhom tagħti dritt ta' appell liċ-ċittadin minn atti amministrattivi da parte tagħhom għal quddiem dan it-Tribunal.

Illi l-Kapitolu 258 jagħti kompetenza limitata lil dan it-Tribunal u dan ai termini tal-artikolu 6 (2) għal dak li jirrigwarda użu illegali ta' *data*. Pero` mkien iktar fl-istess Att ma jerġa' jissemma li t-Tribunal għandu xi kompetenza oħra dwar deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija intimata. Huwa evidenti li l-mertu ta' din il-kwistjoni m'għandu x'jaqsam xejn ma' użu illegali ta' *data*.

Għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma, illi d-deċiżjoni appellata ma tistax tiġi riveduta minn dan it-Tribunal, iżda tista' tiġi mistħarrġa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema Qorti għandha l-ġurisdizzjoni residwali u ġenerali sabiex tissindika għemil amministrattiv ta' awtorità pubblika bħal ma hi l-Aġenzija intimata.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Aġenzija intimata għandha raġun fl-ewwel eċċezzjoni tagħha stante li l-istess Tribunal ma għandux kompetenza jippronunzja ruħu dwar it-talbiet tar-rikorrenti, iżda huma l-Qrati ordinarji li għandhom kompetenza jagħmlu dan.

Għalhekk, in vista tal-emendi li daħlu in vigore fil-15 ta' Frar, 2016, permezz tal-Att IV tal-2016, it-Tribunal se jagħmel dak mitlub minnu ai termini tal-proviso ta' Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:-

*"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-*

*proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża."*

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Aġenzija intimata billi jilqagħha u jiddikjara ruħu mhux kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti. It-Tribunal se jkun qed jordna, permezz ta' digriet kamerali, li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom. In vista ta' dan, it-Tribunal qed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2023.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**